## KUNSILL LOKALI ISLA

## IR-RABA' KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU SEBGĦA U GĦOXRIN

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar it-Tlieta 21 t'Ottubru, 2003 fis-2.30pm .

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier (3.45pm) |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | xejn | | |

**AĠENDA**

(1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Attivitajiet tal-Milied.
(4) Sotto Kumitati.
(5) Kalendarju 2004.
(6) Informazzjoni dwar Ġemellaġġ.
(7) Kors Ingliż studenti Taljani.
(8) Triq San Ġużepp.
(9) Ħruġ ta' Offerti.
(10) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti.

## 27 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti

27(1).1 Il-Kunsill approva dawn il-Korrezzjonijiet

27(1).2 Laqgħa numru ħamsa u għoxrin tiġi taqra laqgħa numru sitta u għoxrin.

Minuta 26(1).2 tiġi taqra hekk :

"Fuq rimarka tal-Kunsillier Charmaine Gerada, l-Kunsillier Mario Mizzi, ssekondat mill-Viċl Sindku Walter Ahar l-Kunsill approva li minuta 25(2).3 tiġi rranġata għax ma' kienitx tinftiehem sewwa.

Minuta 26 (2)10 l-isem "Keith" tinbidel ma' l-isem "Leslie".

Minuta 26 (8) 3 il-kelma "skola" kienet miktuba ħażin.

27(1).2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva il-Minuti hekk kif ġew korretti

## 27 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Joseph Casha ta rendikont tal-laqgħat li saru u l-ħidma li twettqet mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

*27.(2).1 Literacy Course - ETC ( 02 / 10 / 2003 )*

Saret laqgħa mas-Sinjura Nicolette Camilleri dwar dan il-kors li ser jibda jsir fil-Kunsill Lokali mill-Korporazzjoni għall-Impjieg u t-Taħriġ. Dan il-Kors ser jiġi mifrux fuq tlett darbiet fil-ġimgħa bejn id-9.00am u l-12.oopm u jieħu madwar sitt xhur. L-Intervisti saru fis-16 u s-17 t'Ottubru, 2003.

*27.(2).2 Tender Ġbir ta' Skart Domestiku ( 03 / 10 / 2003 )*

Saret laqgħa fil-Kunsill Lokali tal-Kalkara dwar din it-tender li ħarġet bejn it-Tlett Kunsilli tal-Kottonera (Isla / Kalkara/ Birgu). F'din il-laqgħa kien hemm qbil li kull Kunsill għandu jikkunsidra u jaqbel fuq l-irħas proposta mitfugħa.

*27.(2).3 Seminar fl-okkażżjoni ta' Ġemellaġġ ( 04 / 10 / 2003 )*

Is-Sindku Joe Casha flimkien ma' Sindki oħra kienu mistiedna għal seminar fil-Lukanda Pergola fl-okkażżjoni ta' ġemellaġġ bejn il-Kunsill Lokali Mellieħa u Kunsill Lokali mill-Ġermanja. Preżenti kien hemm l-ambaxxaturi tal-Ġermanja u ta' Franza.

*27.(2).4 Kottonera Magħquda ( 07 / 10 / 03)*

Saret laqgħa fil-Kunsill Lokali ta' Bormla fejn ġie diskuss l-istatut ta' din l-għaqda. Infatti tressqu emendi ġodda għad-diskussjoni biex dan l-istatut jiġi jirrifletti aħjar il-għan ta' din l-Għaqda.

*27.(2).5 Konferenza Nazzjonali fl-Egħluq ta' l-10 snin mit-Twaqqif tl-Kunsilli Lokali Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali ( 10/10/03)*

Is-Sindku l-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv attendew għal din il-Konferenza li ttellgħet fil-lukanda Coastline mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bħala tifkira ta' l-10 anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.

Saru diversi interventi mis-Sindki u Viċi Sindki dwar in-nuqqar ta' koperazzjoni bejn id-Dipartiment u l-Kunsilli Lokali. Ġew diskussi wkoll suġġetti bħal protokol, aktar parteċipazzjoni mill-Kunsilleri, dwar l-għażla tas-Sindki u dwar ġbir ta' aktar fondi għall-Kunsilli, dwar in-nuqqas ta' qbil bejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-Assoċċjazzjoni tas-Segretarji Kunsilli Lokali, dwar problema ta' nuqqas ta' fondi u finanzjament mill-Gvern Ċentrali u dwar l-ilmenti li qegħdin isiru mir-residenti dwar il-permessi tal-cranes u l-ħlas ta' Lm 1.

*27.(2).6 Uffiċċju tal-Kunsill - Misraħ 4 ta' Settembru ( 10 / 10 / 2003 )*

Waqt din il-konferenza s-Sindku ħataf l-okkażjoni biex ikellem lill-Ministru Tonio Borg dwar l-approvazzjoni għad-devoluzzjoni ta' l-uffiċini li kellu qabel il-Kunsill f'Misraħ 4 ta' Settembru. Jidher li din id-devoluzzjoni qed tieħu fit-tul xi ftit.

*27.(2).7 Gallariji fi Triq l-Oratorju*

Is-Sindku ċempel lid-Dipartiment tal-Bini u Tiswija tad-Djar dwar il-periklu li kien jidher li hemm f'din it-triq biex jara meta ser isir ix-xogħol.

*27.(2).8 Senglea Ath. F. C. Youth Nursery ( 14 / 10 / 2003)*

Is-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa ma' Dr. V. Zammit, President tal-Youth Nursery u Victor Zarb.

Dan ressaq xi talbiet dwar dak li xtaqu li jsir (Ara minuti tal-laqgħa mehmuża).

*27.(2).9 Kottonera Magħquda ( 15 / 10 / 2003)*

Saret laqgħa fil-Każin tal-Banda Queen's Own biex jiġu diskussi l-emendi ta' l-istatut Kottonera Magħquda.

Għalkemm għadu ma' sar l-ebda progress jidher li l-qofol ta' dan il-Kumitat ser ikun il-Kunsilli Lokali. Għaqdiet oħrajn mhux qegħdin ikunu preżenti.

Is-Sindku Joseph Casha se jieħu l-inizjattiva li jsejjaħ laqgħa oħra bejn l-erba' Kunsilli biex isr magħruf x'pożizzjoni għandha tittieħed.

*27(2).10 Triq il-Ħabs l-Antik - Ħdejn l-Iskola Primarja*

Saret laqgħa mal-Perit tal-Kunsill dwar il-bidliet tal-pjanta ta' Triq il-Ħabs l-Antik. Minħabba li jidher li hemm nuqqas ta' ftehim ta' x'ried il-Kunsill ġie deċiż li ssir pjanta oħra.

*27.(2).11 Talba minn Mary Gauci*

Is-Sindku ressaq it-talba tas-Sinjorina Mary Gauci dwar il-garage li huma għandhom fi Triq San Mikiel. Il-parir tal-perit hu li s-sidien tal-garage għandhom ibaxxu l-livell tal-garage u wara l-Kunsill jagħmel drop curve tat-tlett garages. Il-perit huwa kontra li jsir konkos mal-kurduna. Is-Sinjorina Gauci għandha tiġi nfurmata b'dan.

*27.(2).12 Laqgħa mas-Segretarji Ġenerali tal-Partiti Politiċi (20/10/03)*

Għal din il-laqgħa li ġiet organiżżata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kienu preżenti t-tlett Segretarji Ġenerali tal-Partiti Politiċi. Kien hemm nuqqas kbir ta' attendenza mill-Kunsilliera u l-andament tal-laqgħa ma' kienx wieħed ta' awgurju tajjeb.

*27.(2).13 Imġieba ħażina minn Kuntrattur ( 14/10/2003)*

Kien osservat għal żmien twil li wara li kien qed jaħdem il-kuntrattur Bonello f'Misraħ 4 ta' Settembru ħdejn il-Bus Terminus kien qed Iħalli ħafna żejt.

Meta dan il-kuntrattur ġie biex jagħmel permess ieħor fis-2.00pm fil-Kunsill is-Sindku ġibidlu l-attenzjoni li jekk jibqa' jħalli żejt ħiereġ is-Sindku kien ser jieħu ritratt tas-sitwazzjoni.

Minħabba f'dan nqala argument sħun sewwa bejn il-kuntrattur u s-Sindku tant li kellha tissejjaħ il-pulizija biex is-sitwazzjoni tiġi kkontrollata.

Sar rapport uffiċjali lill-pulizija li ġew fl-Uffiċċju tal-Kunsill biex jittieħdu passi legali kontra dan il-kuntrattur minħabba l-imġieba tiegħu.

*27.(2).14 Twaħħil ta' Deposit Boxes tal-Maltapost (06/10/03)*

Milli jidher il-Maltapost iddeċidiet li taqbad u twaħħal dawn id-deposit boxes mingħajr konsultazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.

Minkejja li ma' kienux saru l-permessi meħtieġa s-Sindku waqqafhom milli jkomplu pero' dawn baqgħu sejrin bix-xogħol tagħhom u njoraw għal kollox it-twiddib tas-Sindku.

Għaldaqstant fuq struzzjonijiet tas-Sindku Joseph Casha s-Segretarju kiteb lill-Maltapost u pprotesta bil-qawwa kollha dwar dan l-aġir u li l-Kunsill kien lest li jieħu l-passi meħtieġa kontra din l-imġieba (ittra mehmuża).

Wara li ntbagħtet din l-ittra l-Kunsill irċieva talba mill-Manager biex issir laqgħa magħhom dwar il-protesta li l-Kunsill kien ressaq għall-mod kif ġew installati d-deposit boxes fil-lokal ta' l-Isla. Il-laqgħa għandha ssir nhar il-Ħamis 30 t'Ottubru, 2003 fl-10.00am. (*04/1805/03/I, 04/1844/03/I, Maltapost plc)*

*27.(2).15 Fondi tal-Kunsill*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-allokazzjoni annwali tal-Kunsill naqset b'Lm 4, 472 (5%) bħala miżuri li kienu ssuġġeriti mill-Ministru tal-Finanzi.

Mill-allokazzjoni ta' l-eGovernment li kienet tammonta għal Lm 2, 932.00 il-Gvern Ċentrali uża Lm 1, 936.00. B'hekk il-Kunsill ser jirċievi biss Lm 996.00 sa l-aħħar tas-sena finanzjarja.

Barra dan il-Kunsill huwa marbut li jħalli riserva ta' 5% mhux minfuqa li jammontaw għal Lm 4, 500.00.

Dan ifisser li sal-31 ta' Marzu 2004 meta tagħlaq is-sena finanzjarja l-allokazzjoni tal-Kunsill tkun naqset b' Lm 6, 408.00 u jħalli riserva ta' Lm 4, 500.00. B'kollox dawn jammontaw għal madwar Lm 11, 000.00.

Biex jagħmel tajjeb għal dan in-nuqqas ta' fondi l-Kunsill irid jieħu ċertu miżuri iebsin biex dan in-nuqqas ta' fondi jinteghlbu sa l-aħħar tas-sena finanzjarja.

*27.(2).16* Korrispondenza

Lista tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn l-1 u s-17 t'Ottubru 2003 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/1706/03/I Kalendarju Kulturali - Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti*

Il-Kunsill ġie mitlub biex jibgħat jinforma lil dan il-Kunsill bl-attivitajiet li ser jittellgħu bejn Jannar u Marzu, 2004. Dawn sejrin jidhru fil-Kalendarju Kulturali.

*04/1729/03/I Karozza abbandunata*

Il-Kunsill irċieva lmenti dwar karozzi abbandunati Lancia ta' kulur aħdar skur fix-Xatt qrib il-Madonna fl-għar, biex din titneħħa.

*04/1733/03/I Premju Ħaddiem tas-Sena 2003*

Il-Kunsill irċieva formola għal Nominazzjonijiet għal dan il-premju mtella' mill-Ministeru għall-Politika Soċjali. In-nominazzjonijiet jagħlqu nhar il-Ġimgħa 17 t'Ottubru, 2003 f'nofsinhar.

*04/1738/03/I / 04/1739/03/I Adjudicating Report - Tender għal Ġbir ta' Skart Domestiku*

Il-Kunsill Lokali tal-Kalkara bagħat dan ir-rapport dwar it-tender għall-ġbir ta' skart domestiku fit-Tlett Ibliet : Birgu, Isla u Kalkara (Tender KBI/RC/03).

*04/1746/03/I Laqgħat mas-Segretarji Ġenerali tal-Partit Politiċi*

L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sejjħet laqgħa għall-Kunsillieri kollha mas-Segretarji Ġenerali tat-Tlett Partiti Politiċl nhar it-Tnejn 20 t'Ottubru, 2003 fis-6.30pm fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mosta.

*04/1756/03/I Librerija Pubblika fl-Iskola Primarja*

Il-Kunsill Skolastiku ta' l-Iskola Primarja ta' l-Isla kiteb lill-Ministru Tonio Borg biex ifettex jalloka l-post li qabel kien jokkupa l-Kunsill Lokali bħala uffiċini biex iservi ta' post ġdid għal-Librerija Pubblika lokali. Dan minħabba li l-kamra li bħalissa qegħda tintuża, l-Iskola għandha bżonnha urġenti.

*04/1758/03/I Senglea Athletic F. C. (Youth Nursery)*

Il-Kumitat xtaq li jkun jaf f'liema stadju waslu d-diskussjonijiet dwar it-tibdil tad-dawl tal-pitch u talbu li jsir wire fencing b'xi tip "netting" biex it-trunċieri jiġu magħluqa.

*04/1760/03/I Ħatra fuq il-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera*

Il-Ministru Ninu Zammit reġa' ħatar lis-Sindku Joseph Casha bħala Membru tal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera sa l-1 t'Awissu, 2004.

*04/1765/03/I Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi*

Is-Sinjura Nora Macelli stiednet lill-Kunsill biex jattendi għall-evalwazzjoni dwar il-proġett Summer Club u Family Literacy Programme li l-Kunsill tellgħa bejn Lulju u Awissu, 2003.

*04/1780/03/I Talba għal Parking Speċjali*

Il-Kunsill ma' jistgħax jilqa' t-talba tal-Kap ta' l-Iskola Primarja Dom Mauro Inguanez biex jalloka madwar 20 post riservat għall-istaff fil-Parking Area fid-daħla ta' l-Isla.

Din it-talba ma' tistgħax tintlaqa' minħabba li r-regolamenti ta' l-Awtorita Dwar it-Trasport ma' jippermettix li jsir dan.

*04/1784/03/I Kodiċl ta' Etika - Kunsilliera*

L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali talbet lill-Kunsillieri biex sas-7 ta' Novembru, 2003 setgħu jibgħatu l-kummenti tagħhom dwar il-Kodiċl ta' Etika li ser ikun għad-diskussjoni fil-futur.

*04/1769/03/I Shelter - Bieb tal-Ħadid*

Il-Kummissarju tal-Pulizija talab tagħrif mill-Kunsill dwar bieb tal-ħadid li sar fix-shelter li Hemm int u nieżel mis-Sur għax-Xatt ħdejn ir-Regatta Club. Il-Kunsill ser jikteb lill-Kummissarju dwar dan.

*04/1790/03/I* *Ftehim bejn il-Kunsill u l-Awtorita Dawr it-Trasport*

L-Awtorita dwar it-Trasport talbet biex jintbagħatu d-dokumenti u t-tagħrif meħtieġ dwar it-twettiq ta' xogħol fit-toroq li l-Kunsill beda u bi ħsiebu jkompli jagħmel taħt il-ftehim li ntlaħaq bejn il-Kunsill u l-istess Awtorita'.

*04/1843/03/I* *Sena Ewropeja tal-Persuni b'Diżabilita'*

Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' għamlet stedina lis-Sindki ta' Malta u Għawdex biex jattendu għal quddiesa ġewwa l-Katidral ta' l-Imdina fit-2 ta' Novembru, 2003 fit-3.00pm biex titfakkar il-mewt ta' dawk il-persuni li kienu ġew intervistati minn Entitajiet differenti. Is-Sindku Joe Casha kien ser jattendi.

*04/1857/03/I* *Fondi ta' l-eGovernment*

B'refrenza għall-ittra tas-7 ta' Novembru, 2003 mibugħta lill-Kunsilli Lokali mis-Segretarju Permanenti tal-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern u Ministru ta' l-Informatika u t-Teknoloġija dwar l-allokazzjoni ta' l-eGovernment dan il-Kunsill ġie mgħarraf li l-ammont għar-rigward dan il-Kunsill, li ġie utiliżżat mill-Gvern fuq proġetti msemmija fuq l-istess ittra huma ta' Lm 1, 936.00. Dan ifisser li l-Kunsill mis-somma ta' Lm 2, 932.00 allokata lilu fil-Budget Annwali ser jirċievi biss il-kumplament ta' Lm 996.00 fix-xhur li ġejjin.

*04/ /03/I* *Żgħażugħ / a tas-Sena 2003*

Il-Kunsill irċieva r-regolamenti dwar il-premju żgħażugħ / a ts-sena 2003 li ser jittellgħa mill-Fondazzjoni Oasi.

*04/ /03/I* *Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma*

*04/2046/03/I* *Customer Care - Taħriġ*

Dan it-taħriġ imtella' mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru fl-Aula Magna fl-Universita' ta' Malta, Valletta bejn it-Tlieta 11 u l-Ġimgħa 14 ta' Novembru, 2003 bejn it-8.30am u l-12.30pm. Għal dan il-kors kellha tattendi s-Sinjura Elizabeth Grech peress li hija nkarigata li tieħu ħsieb din is-sistema.

## 27 (3) Kuntratt Grand Harbour Marina

Saret laqgħa mad-Diriġenti tal-Grand Harbour Marina Ltd fl-Uffiċċju ta' l-Avukati li qed jipparteċipaw f'dawn id-diskussjonijiet (Tanti Dougal Lofaro Law Firm). Il-Kunsill kien rappreżentat mis-Sindku Joseph Casha, is-Segretarju E'żekuttiv kif ukoll Dr Aron Mifsud Bonnici l-avukat tal-Kunsill. Kien preżenti wkoll Dr A. Caruana Kap tas-Segretarjat tal-Ministeru tat-Turiżmu kif ukoll C. Zammit uffiċjal fil-Ministeru.

*27.(3).1* Wara diskussjoni li saret fuq dawk l-oġġezzjonijiet li ressaq l-avukat tal-Kunsill kien jidher li kien qed ikun hemm qbil biex il-ftehim isir bejn l-Għaqda Sajjieda Dilettanti u Barklori u l-konsorsju taħt l-awspiċji tal-Kunsilli Lokali.

*27.(3).2* Sar qbil li qabel tittieħed deċiżjoni finali jiġi kkonsultat il-Ministru Francis Zammit Dimech b'dan it-tibdil abażi ta' l-oġġezzjonijiet li tressqu bil-miktub mill-Avukat tal-Kunsill (Kopja mehmuża).

*27.(3).3* Il-Kunsill qabel li jagħmel laqgħa ma' l-Għaqda Sajjieda Dilettanti u Barklori biex jiġi mfisser lilhom kif dan il-kuntratt jista' jsir direttament bejnhom u Grand Harbour Marina.

## 27 (4) Attivitajiet tal-Milied

*Sotto Kumitat Anzjani u Affarijiet tal-Familja (15/10/03)*

Saret laqgħa ta' dan is-Sotto Kumitat fejn ġew diskussi u approvati l-attivitajiet għal Novembru u Diċembru, 2003 (Ara minuti mehmuża).

*27(4).1* Ġew approvati l-attivitajiet kif proposti mis-Sotto Kumitat.

*27(4).2* Ġie ssuġġerit li l-ispejjeż għal dawn l-attivitajiet jiġu ffinanzjati minnhom stess kif ukoll mill-Bazaar li l-istess Sotto Kumitat ser jorganiżża.

## 27 (5) Sotto Kumitati

*27.(5).1* Sotto Kumitat Edukazzjoni

Is-Sindku Joseph Casha ltaqa' maċ-chairperson ta' dan is-Sotto Kumitat minħabba li kien ilu ftit ma' jiltaqa'

Is-Sindku ta rendikont tas-sitwazzjoni tas-Sotto Kumitat ta' l-Edukazzjoni. Is-Sindku ser jieħu t-tmexxija temporanjament ta' dan is-Sotto Kumitat filwaqt li Vanessa Sammut ser tibqa' il-kordinatur.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ċ-chairperson ta' dan is-Sotto Kumitat se tkun qed tikkomunika l-pożizzjoni tagħha bil-miktub dwar is-sitwazzjoni f'dan is-Sotto Kumitat.

*27.(5).2* Sotto Kumitat Żgħażagħ

Jidher li hemm grupp ta' żgħażagħ li qed jaħdem fi ħdan il-Kunsill, Bħal'issa għaddej minn proċess ta' familjarizazzjoni bejniethom.

Il-Kunsill irid jara aktar impenn min-naħa tagħhom qabel jifforma dan is-Sotto Kumitat u jinfetaħ għal aktar żgħażagħ.

*27.(5).3* Il-Kunsill qabel li Vanessa Sammut għandha tkun il-faċilitatur f'dan il-grupp billi hija għandha r-rwol ta' Social Coordinator. Vanessa qed tiġi mitluba biex tagħmel monitoring tal-programm ta' dan il-grupp.

## 27 (6) Kalendarju 2004

Is-Sindku Joseph Casha ppropona li jsir kalendarju 2004 tal-Kunsill bir-ritratti tal-Belt ta' l-Isla u dik ta' Cassino fiż-żmien tat-Tieni Gwerra Dinjija.

*27.(6).1* Billi l-fondi tal-Kunsill huma ristretti u ma' jistgħax jiġi ffinanzjat mill-budget allokat għal din is-sena. Għaldaqstant ġie suġġerit li dan isir mill-fondi ta' Lm 5, 000.00 li l-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera jalloka kull sena lil kull Kunsill fil-Kottonera.

*27.(6).2* Għalhekk qabel isiru pjanijiet biex isr dan il-kalendarju għandha tintbagħat ittra biex jiġi kkonfermat jekk il-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera hux ser japprova s-somma ta' Lm 5, 000.00 għas-sena 2004.

## 27 (7) Tagħrif dwar Ġemellaġġ

Il-Kunsill qed jippjana biex jiġi pubblikat fuljett biex jikkommemora u juri ż-żjara tal-Kunsill Lokali ta' l-Isla ġewwa Cassino kif ukoll iż-żjara tal-Comune di Cassino fl-Isla biex seħħ l-iffirmar tal-ġemellaġġ bejn iż-żewġt ibliet. (Video)

*27.(7).1* Ġie suġġerit ukoll li dawn l-ispejjeż jiġu koperti mill-fond ta' Lm 5, 000.00 li l-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera jalloka kull sena għall-użu ta' kull Kunsill fil-Kottonera.

## 27 (8) Kors ta' l-Ingliż għal Studenti Taljani

Bħala parti mill-ħidma tal-ġemellaġġ il-Kunsill qed jiġbor tagħrif dwar korsijiet ta' l-Ingliż għal studenti minn Cassino f'Malta.

*27.(8).1* Wara li saret talba għal tagħrif dwar dan il-Kunsill irċieva diversi kwotazzjonijiet dwar il-kors u ħlas ta' akkomodazzjoni minn diversi skejjel tal-Lingwi u li għandhom il-Liċenzja mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni.

*27.(8).2* Dawn ġew ippreżentati mis-Segretarju Eżekuttiv fejn informa lill-Kunsill li għad hemm kwotazzjonijiet oħra li għadhom deħlin. (Kopja mehmuża)

*27.(8).3* Il-Kunsill qabel biex jaħtar kumitat apposta biex jistħarreġ dawn il-kwotazzjonijiet. Dan il-Kumitat ser ikun magħmul mill-Kumitat tal-Finanzi u minn persuna mis-Sotto Kumitati ta' l-Edukazzjoni.

## 27 (9) Triq San Ġużepp

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-proċess għall-permessi biex jibda x-xogħol fuq Triq San Ġużepp għadhu għaddej.

## 27 (10) Ħruġ ta' Offerti

Il-Kunsill kellu quddiemu tlett kuntratti għad-diskussjoni li jintemmu fil-31 ta' Diċembru, 2003. Dawn huma l-kuntratt ta' Ġbir ta' skart Goff, kuntratt għaż-żamma tal-Ġonna u Soft Areas u dak tal-Contract Manager.

*27.(10).1* Kuntratt ta' Contract Manager

Il-Kunsill qabel li dan il-kuntratt għandu jiġġedded għal sena oħra minħabba li għaddej xogħol li sar fuq speċifikazzjonijiet li nħadmu mill-Contract Manager preżenti u għalhekk mhux etiku u wisq inqas prattiku li jintemm dan il-kuntratt minħabba li jkollu jsir ix-xogħol mill-ġdid.

*27.(10).2* Kuntratt għal Ġbir ta' Skart Goff

Il-Kunsill qabel li għal dan il-kuntratt tinħareġ sejħa għall-offerti mill-ġdid. Dan jagħlaq fil-31 ta' Diċembru, 2003.

*27.(10).3* Kuntratt għaż-Żamma tal-Ġonna u Soft Areas

Il-Kunsill qabel li għal dan is-servizz tinħareġ sejħa għall-offerti mill-ġdid. Il-kuntratt preżenti jagħlaq fil-31 ta' Diċembru, 2003.

## 27 (11) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti

Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar ssekondat mill-Kunsillier Reno Chircop il-Kunsill approva l-ħlas ta' pagamenti li jammontaw għal Lm 11, 314.44.

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fil-5.35pm b'dan l-item fuq l-agenda.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

______________________________________________________________________________

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Joseph Casha | Alphonse Zammit |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |